MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru. 44/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**vs**

**Daniel-Victor Bonnici**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Daniel-Victor Bonnici ta' 27 sena, bin Vincent u Carmen nee' Muscat, imwieled Mtarfa fit-9 ta' Settembru 1976 u residenti 36, Triq Burmarrad, Burmarrad u detentur tal-karta tal-identita' numru 452876(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-3 ta' April 2003 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, bil-hsieb ta' estorsjoni jew li jaghmel hsara lil Emanuel Borg, akkuzah quddiem awtorita' kompetenti b'reat suggett ghal

piena ta' aktar minn sentejn, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna kienet innocenti.

Fl-istess cirkustanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkustanza, sabiex dan il-fatt jew cirkustanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Fl-istess cirkustanzi, ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Jannar, 2004 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2004 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda rapport maghmul lil allura Spettur Joseph Cordina fit-3 ta' April 2003 fejn l-imputat u certu Jesmond Vella kienu marru l-ufficcju tal-Ispettur Joseph Cordina u rrapurtaw li f'Settembru tas-sena ta' qabel Jesmond Vella kien xtara vettura bin-numru tar-regsitrazzjoni JPC 904 minghand certu Noel Borg ghas-somma ta' Lm5,300 u Jesmond Vella kien hallas dan l-ammont lil Borg in kontanti. Jesmond Vella rrapporta lill-Ispettur Cordina li sussegwentement huwa skopra li l-vettura li originarjament kienet giet trasferita f'ismu regghat giet maqluba f'isem xi zija ta' Noel Borg u dan sar

billi ntuzat firma falza ta’ Jesmond Vella u minghajr ma l-istess Jesmond Vella kien a konoxxenza ta’ dan il-fatt. Jesmond Vella ghalhekk sostna li huwa kien gie defrawdat mis-somma ta’ Lm5,3000 ghaliex kien hallas dan l-ammont lil Borg izda ma kellu xejn jidher f’ismu u l-anqas kellu l-pussess tal-imsemmija vettura li kienet f’idejn Borg ghaliex kien halliha ghandu ghat-tiswija. Minn aktar investigazzjonijiet li ghamel l-Ispettur Cordina rrizulta li l-fatti kienu kemm xejn differenti minn dak originarjament irrapurtat lilu fit-3 ta’ April 2003. Irrizulta li fil-fatt kien sar it-transfer tal-vettura minn Jesmond Vella ghal fuq iz-zija ta’ Noel Borg billi ntuzat firma falza ta’ Jesmond Vella izda rrizulta wkoll li originarjament qatt ma kien sar il-bejgh tal-vettura minn Noel Borg lil Jesmond Vella u li dan tal-ahhar qatt ma kien hallas is-somma ta’ Lm5,300 bhala l-prezz tal-imsemmija vettura. It-transfer originali fejn il-vettura in kwistjoni tpoggiet fuq isem Jesmond Vella kien sar minhabba l-fatt li Noel Borg kien dahal il-habs fuq reati li nstab hati taghhom u kien beza’ li din il-vettura setghat tigi konfiskata. Irrizulta wkoll li l-imputat kellu jiehu xi flus minghand Noel Borg u kien ghalhekk mar jaghmel ir-rapport flimkien ma Jesmond Vella sabiex jipprova jgieghel lil Borg jaghtih il-flus. Mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Cordina fil-fatt jirrizulta li ttiehdu proceduri kemm fil-konfronti ta’ Noel Borg in kwantu jirrigwarda l-falsifikazzjoni tal-firma ta’ Jesmond Vella kif ukoll proceduri kontra Jesmond Vella ghal kalunja u denunzja falza fejn it-tnejn instabu hatja.

Jidher ghalhekk li r-rapport originarjament maghmul fit-3 ta’ April 2003 kien veritier biss in kwantu jirrigwarda l-falsifikazzjoni tal-firma ta’ Jesmond Vella izda mhux in kwantu jirrigwarda t-truffa li kienet allegatamennt daret fil-konfronti ta’ Jesmond Vella.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 15 tal-process kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tat-23 ta’ Ottubru 2009 cahad li huwa kien ghamel ir-rapport lill-Ispettur Cordina u qal li huwa kien biss akkompanja lil Jesmond Vella sabiex jaghmel ir-

rapport. Huwa qal ukoll li ma kienx jaf li ma kienx minnu li Jesmond Vella hallas l-ammont ta’ Lm5,300 lil Noel Borg. Kemm mix-xhieda tal-Ispettur Cordina, kif ukoll mix-xhieda ta’ PS 130 Ivan Cilia (xhieda relattiva nserita a fol. 17 u 18 tal-process) jirrizulta li l-imputat mhux biss kien akkompanja lil Jesmond Vella jaghmel ir-rapport izda kien ukoll ippartecipa fir-rapport. Il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dak li qalu kemm l-Ispettur Joseph Cordina u PS 130 anki ghaliex huwa evidenti li l-imputat kellu nteress ikun partecipi fir-rapport minhabba l-pendenzi li kellu ma’ Noel Borg. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Daniel Victor Bonnici kien fil-fatt ghamel ir-rapport li sussegwentement irrizulta parzjalment falz u li sar fit-3 ta’ April 2003 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Mix-xhieda ta Jesmond Vella li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta Mejju 2007 inoltre rrizulta li l-imputat kien a konoxxenza tal-fatt li Jesmond Vella qatt ma kien xtara l-vettura in kwistjoni minghand Noel Borg u qatt ma kien hallas is-somma ta’ Lm5,300 lill-istess Borg u li kwindi Vella qatt ma gie defrawdat mis-somma ta’ Lm5,300. Irid jigi rilevat li ghalkemm Jesmond Vella ghall-ewwel qal li jista’ jkun li l-imputat ma kienx jaf li l-istorja tal-Lm5,300 ma kienitx vera imbaghad irribadixxa b’certezza li l-imputat kien jaf u li huma fil-fatt ftehmu flimkien dwar x’kellu jinghad lil Pulizija u li kellhom imorru jaghmlu r-rapport flimkien. Il-Qorti li kellha l-opportunita’ tisma’ lil Vella jixhed viva voce u li setghat tosserva il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda m’ghandha l-ebda dubju li din it-tieni verzjoni hija ferm aktar kredibbli u l-anqas m’ghandha dubju li fil-fatt Vella u l-imputat kienu komplici meta ghamlu r-rapport in dizamina.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi tlett imputazzjonijiet. Permezz tat-tieni u t-tielet akkuza jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 110 (1) u (2) tal-Kodici Kriminali u cioe’ r-reati ta’ falza denunzja jew simulazzjoni tar-reat filwaqt li permezz tal-ewwel akkuza huwa qed jigi akkuzat

bir-reat ta' kalunja kontemplat fl-Artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-reat ta' kalunja kif previst fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta'l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunja falza trid tkun tali illi abbazi ta'l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'kaz iehor fejn gie deciz li ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)***

Ikkunsidrat :

Illi r-reat kontemplat fl-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja izda filwaqt li r-reat ta' kalunja huwa meqjus bhala verbali u dirett il-kalunja kontemplata fl-

Artikolu 110(1) hija reali u ndiretta. Il-Professur Mamo jghid hekk fin-noti tieghu dwar dan ir-reat :-

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence.***

***On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."***

Dwar ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) il-Professur Mamo jghid is-segwenti :-

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … <u>This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a***

***denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the <u>denunciation must be made without specifying the supposed offender</u>; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."***

Ikkunsidrat:

Illi min din l-esposizzjoni legali tar-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat johrog car li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' kalunja kontemplat fl-Artikolu 101 izda mhux fir-reati kontemplati fl-Artikolu 110(1) u (2) u dan stante li minn imkien mill-provi prodotti f'dan il-kaz ma jirrizulta li saret xi simulazzjoni reali jew indiretta stante li ma jidhirx li l-imputat holoq xi tracci ta' reat jew inkella kien qed jipprova johloq b'mod qarrieqi xi provi foloz. Dak li jirrizulta fil-kaz odjern huwa biss l-hekk imsejha simulazzjoni verbali jew diretta fejn l-imputat irraporta lil awtorita' kompetenti (u cioe' lil Pulizija) li persuna partikolari, u cioe' Noel Borg, kien ikkommetta ir-reat ta' truffa jew frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali u dan meta kien jaf ben tajjeb li dan ma kienx minnu. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda mhux tat-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta tal-imputat kif ukoll il-fatt li r-rapport maghmul mill-imputat u minn Jesmond Vella kien veritier in parti u li ghalhekk permezz tieghu l-Pulizija setghat tasal sabiex tressaq lil Noel Borg u takkuzah talli huwa ffalsifika l-firma ta' Jesmond Vella. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42 u 101(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax(13)-il xahar prigunerija li

b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn(2) millum u tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------